**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 36 SARET NHAR**
**Il-HAMIS 13 TA' FRAR 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Vice Chairperson |
| Alex Chetcuti | Membru |
| Wallace Farrugia | Membru |

Ic-Chairperson F. Salt u l-Membru A. Paris kienu skużati minħabba ragunijiet ta' xoghol u mard.

**TALBA**

Il-Vici-Chairperson qalet t-talba.

## I. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-Seduta numru 35 ġew approvati. Il- Vici Chair person M. Abela ipproponiet u l-membru W. Farrugia ssekonda.

## II. KOMMUNIKAZZJONI MINN DAWK PREZENTI

Mill-Membru W. Farrugia

1. Il-Membru W.Farrugia rrefera ghal-laqgha li saret mal-kuntrattur Schembri Infrastructures Ltd. datata 31 ta' Jannar 2014 fejn il-kuntrattur iddikjara quddiem dawk prezenti li x-xoghlijiet ta' Triq il-Madliena fil-vicinanza tal-villel ma' humiex inkluzi fil-kuntratt ta' xoghlijiet pendenti.

   Ghal din il-laqgha kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u xi kunsillieri li ilkoll ikkonfermaw li din il-parti tat-triq kienet tifforma parti mill-Kuntratt.

2. Wara diskuzzjoni, il-Kumitat unanimament idecieda li ma' ghandhom jithallsu l-ebda fondi inkluz ir-retention tat-Triq il-Madliena sakemm il-Kunsill ikollu dikjarrazzjoni ffirmata mill-Kuntrattur quddiem ix-xhieda b'data ta' meta x-xoghlijiet pendenti kollha jitlestew. Ghandha tinkiteb ittra lill-kuntrattur b'dan spejgat u jekk ma tasal risposta sa l-ahhar ta' Frar 2014 allura il-kaz jigi rreferut lill-Avukat tal-Kunsill. F'dan il-kaz anke tigi likwidata lill-Kunsill il-garanzija bankarja ta' €12,000.

Hugh Zammit — Segretarju Eżekuttiv

Frank Salt — Chairperson

Mill-Vici Chair Person M. Abela

1. Hija nfurmat li wehlet tabella ta' l-istorja tal-fortizza, din giet installata fit-Tarf tat-triq li taghti ghall-istess fortizza. Il-Kumitat staqsa ghall-possibilta' li din it-tabelle tigi mdawwla bi flood light mill-eqreb arblu tad-dawl.

2. Hija staqsiet meta se jitlesta' d-dawl li gie ordnat fi triq fl-entratura tal-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn gew ordnati u malli jaslu ghand il-kuntrattur,dawn jigi installati mill-ewwel. Il-prezz ta' dan id-dawl huwa ta' madwar €17,000.

3. Il-Vici Chair person nfurmat li traffic calmers fi Triq il-Madliena gew istallati u dawn saru fil-post addattat.

4. Hija staqsiet ukol dwar il-possibilta' li jigi mnaddaf il-pasagg li huwa bejn it-triq tal-Madliena u l-Wied. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li se jitlob ghall-kwotazzjoni.

5. Il-Vici Chair person staqsiet dwar zvillupi fil-kisi tat-tarmak ta' Triq l-Inginier. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li x-xoghlijiet tat-tranmak f' din it-triq se jsiru mill-WSC. Huwa nforma wkoll li r-rati mill-kuntrattur tal-WSC waslu u intbaghtu lill-perit tal-Kunsill sabiex dan jiccertifika jekk fadalx fondi bizzejjed mill-kuntratt tal-progett pilota sabiex issir din it-triq.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

Mill-Membu Alex Chetcuti

1. Huwa kien nforma li hu kien prezenti mal-kuntrattur meta inzebghu l-parking spaces fil-vicinanza tal-fortizza. Il-Vici Chair person staqsiet jekk hux possibli li jsiru aktar sinjali fuq ix-xaqliba tal-wied. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jikkomunika mal-kuntrattur responsabbli.

2. Il-Membru staqsa wkoll dwar il-possibilta' li jsiru sinjali sofor quddiem il-villa fin-naha ta' isfel fi Triq il-Perkursur ( l-ewwel villa inti u tiela' fuq ix-xellug).

3. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi zvillupi dwar il-one way minn Triq tal-Mielah sa Triq is-Slielem. Is-Segreatrju Ezekuttiv nforma li din il-materja qed tigi diskussa ma' l-ufficcjali tat-Transport Malta.

4. Il-Membru rraporta wkoll li fi Triq Zejni kantuniuera ma' Triq il-Prekurusur qed tinbet palma, huwa staqsa li minhabba li din hija ta' ostaklu tinqala' u tinzergha f'post aktar adattat.

Din il-laqgha spiccat fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Frank Salt |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |